MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 771/2002

**Paul Zahra**

**vs**

**Julian u Isabella Busuttil f'isimhom proprio u esercenti l-kummerc taht l-isem Belle Giorni Boutique**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' (Lm2624.30,0) elfejn sitt mija erbgha u ghoxrin Lira Maltin u tletin centezmu, ammont dovut minnhom, bilanc fuq somma akbar rappresentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilhom fuq ordni taghhom**

**stess – kollox skond ma jidher mill-fatturi hawn annessi u mmarkati Dok A sa F.**

**Bl-imghax mid-data tal-konsenja u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-12 ta' Novembru tas-sena 2001 kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-30 ta' Jannar tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------